# FILM ĠDID FIL-PLANETARIUM

- Fl-Esplora se jintwera film ġdid fil-Planetarium.



- L-isem ta' dan il-film huwa Magic Globe.
- Biex jintwera dan il-film Esplora kkollabora mal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Kwalità tal-Ħajja u l-Volontarjat u mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.
- Il-film huwa tajjeb għal tfal bejn 5 u 12-il sena.
- L-istorja hija dwar Mia.
- Mia tgħaddi l-vaganzi tas-sajf fid-dar tan-nannu tagħha.



- In-nannu jgħallem lil Mia dwar l-istaġuni.



- Mia titgħallem ukoll li jekk tipprova tbiddel l-istaġuni jistgħu jiġru affarijiet koroh.

- Il-film ġie magħżul bl-għajnuna tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

- Il-Kummissjoni għażlet grupp ta' nies biex jaraw 5 films.

- Magic Globe kien il-film favorit tagħhom.

- Clayton Cutajar huwa d-Direttur tal-Esplora.
  Clayton qal li dan il-film juri kif ix-xjenza tista' tiġi ppreżentata bl-istejjer u esperjenza li tinvolvi sensi differenti.

- Biex tara dan il-film iċċekja l-Iskeda tal-Ġimgħa fuq is-sit tal-Esplora.